



Brussell, 24 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6325/26

AUDIO 19  
CULT 18  
POLCOM 52  
RELEX 209  
COMER 25  
JUR 131

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li ġggedded il-perjodu tad-dritt għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għall-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li ġġedded il-perjodu tad-dritt għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi  
kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali  
għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,  
u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda<sup>1</sup>, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2335<sup>2</sup> tat-28 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/2169 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 307, 25.11.2015, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/2169/oj>.

<sup>2</sup> ĠU L 309, 30.11.2022, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2335/oj>.

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/2169.
- (2) Il-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali<sup>3</sup> (il-“Protokoll”) anness mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra<sup>4</sup> jistabbilixxi l-qafas li fi ħdanu l-Partijiet iridu jikkooperaw biex jiffaċilitaw l-iskambji rigward l-attivitajiet, l-oġġetti u s-servizzi kulturali, inkluż fis-settur awdjoviżiv.
- (3) Il-Protokoll b'mod eċċezzjonali jinkludi dispożizzjonijiet dwar id-dritt għal koproduzzjonijiet awdjoviżivi li jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi li fil-prinċipju huwa riżervat għal pajjiżi li qed jiżviluppaw b'industriji awdjoviżivi li qed jiżviluppaw.
- (4) Skont dawk id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, wara l-perjodu inizjali ta' tliet snin, dak il-perjodu tad-dritt għandu jiġġedded għal perjodi oħra suċċessivi tal-istess tul, sakemm Parti ma twaqqafx id-dritt b'avviż bil-miktub mill-anqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu inizjali jew ta' xi perjodu suċċessiv ieħor. F'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, il-perjodu tad-dritt iġġedded l-aħħar sat-30 ta' Ġunju 2026, għax l-ebda Parti ma waqqfitu. L-effetti attwali tal-Protokoll fir-rigward ta' ko-produzzjonijiet awdjoviżivi għandhom jiġu vvalutati fi żmien debitu mill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali u jservu bħala l-bażi għad-deċiżjoni tal-Unjoni dwar jekk id-dritt għandux jiġġedded għal perjodu ulterjuri ta' tliet snin fl-2029.

---

<sup>3</sup> ĠU L 127, 14.5.2011, p. 1418.

<sup>4</sup> ĠU L 127, 14.5.2011, p. 6.

- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2015/2169, il-Kummissjoni trid tavża lir-Repubblika tal-Korea bl-intenzjoni tal-Unjoni li ma testendix il-perjodu tad-dritt tal-koproduzzjoni skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll bil-proċedura stabbilita fil-Protokoll ħliet jekk , fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill jaqbel erba' xhur qabel jintemm dak il-perjodu tad-dritt li jkompli d-dritt. Jekk il-Kunsill jaqbel li jkompli d-dritt, dik il-proċedura trid terġa' ssir applikabbli fi tmiem il-perjodu mġedded tad-dritt.
- (6) Fit-12 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tal-Kooperazzjoni Kulturali vvaluta, f'konformità mal-Protokoll, ir-riżultati tal-implimentazzjoni tad-dritt f'termini ta' tisħiħ tad-diversità kulturali u kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku fuq ix-xogħlijiet koprodotti.
- (7) Il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-Unjoni stabbilit skont il-Protokoll ġie kkonsultat dwar it-tiġdid tal-perjodu tad-dritt.
- (8) Fid-dawl tar-relazzjoni mill-qrib, storika u unika bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Korea, u peress li l-koproduzzjonijiet awdjoviżivi bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea huma potenzjalment ta' benefiċċju reċiproku mil-lat kemm ekonomiku kif ukoll kulturali, jenħtieġ li l-perjodu tad-dritt għall-produzzjonijiet awdjoviżivi konġunti li jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi tal-Partijiet għall-promozzjoni ta' kontenut kulturali lokali/reġjonali kif previst fil-Protokoll jggedded. Dak id-dritt għandu wkoll il-potenzjal li ' joħloq opportunitajiet addizzjonali għall-Istati Membri kollha, inkluż dawk li s'issa għadhom ma żviluppawx ko-produzzjonijiet b'mod bilaterali.

- (9) Din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. B'mod partikolari, hija ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jikkonkludu ftehimiet ta' koproduzzjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-perjodu tad-dritt biex il-koproduzzjonijiet awdjoviżivi jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi tal-Partijiet għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali, kif previst fl-Artikolu 5(4) sa (7) tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, għandu jiġġedded għal tliet snin, mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2029.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---